**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 018/2021**

**MB (l-ilmentatur)**

**vs**

**HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.**

**(C-18814)**

**(Il-provditur tas-servizz/l-assikurazzjoni)**

**Seduta tas-27 ta' Lulju 2022**

Ra l-ilment[1] fejn, fil-qosor, l-ilmentatur jissottometti li kien xtara polza tal-assikurazzjoni li kien fiha element ta' tifdil fiha u li kellha timmatura fl-2033. Huwa kien hallas diversi *premia* matul is-snin: €1,800 ghas-snin 2008-2009; bejn l-2010 u l-2014 kien ihallas €2,000 fis-sena, u mill-2015 naqqas ghal €600 peress li beda jitlef il-fiducja fil-polza.

Bejn 2016-2017 ha vakanza mill-hlas tal-*premium* ghaliex kien qed jistudja. Il-provditur tas-servizz infurmah li peress li naqas li jhallas ried jerga' jibda jhallas mill-gdid il-kontribuzzjonijiet mill-2018 kif, fil-fatt, l-ilmentatur ghamel.

Aktar tard skopra li seta' anke jiehu vakanza mill-hlas tal-*premium* ghal hames snin, però, dan qatt ma intqal lilu meta kien gie koncess li jiehu vakanza mill-hlas ghal sentejn.

Beda jinduna li l-percentwali tal-*bonus* annwali beda jonqos kostantament u kien ta' madwar 1% meta, fil-fatt, hu kien imwiegհed rati ta' bejn 3-5% fil-mument tal-bejgh. Jghid li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, Mark Cassar

[1] P. 98 *et seq*

Parnis, ma kienx tah l-informazzjoni kollha waqt il-bejgh u kien aktar interessat li jbieghlu l-polza. Dakinhar tal-bejgh intqal lilu li jekk icedi l-polza wara 10 snin ma kienx jehel penali.

Sad-data tal-ilment quddiem l-Arbitru, l-ilmentatur jghid li kien faddal €16,069 sa mill-2008, u l-valur tal-polza huwa ta' €18,289.48. Jispjega l-ammonti kollha u jasal ghall-konkluzjoni li s-somma li hu intitolat ghaliha, jekk icedi l-polza issa, tkun dik ta' €18,287.37, u jikkonkludi wkoll li r-rata prezenti bilkemm tkopri r-rata ta' inflazzjoni.

Il-kwistjoni kollha tal-kaz hija l-penali ta' €914.47 li l-ilmentatur jghid li m'ghandux ihallas ghaliex meta inbieghitlu l-polza din il-penali qatt ma ssemmiet anke meta inghata l-***Illustration of Savings Plan Benefit***[2] li ghalih kienet il-*point of sale* tal-polza.

Huwa jsostni li din il-polza mhix vijabbli ghalih u jrid li jcedi l-polza issa minghajr ma jehel il-penali. L-HSBC uza flusu ghal hafna snin u mhux qed jaghtih qligh xieraq kif kien gie imwieghed.

Ghalih it-telf li qed isofri fuq il-polza mhux investiment galadarba hemm telf kontinwu.

Jinsisti li waqt il-bejgh tal-polza ma kienx itqal lilu li jekk jifdi l-polza wara 10 snin kien ser jehel il-penali tant li *'fil-hin tal-bejgh intqal verbalment mill-Konsulent Finanzjarju (is-Sur Mark Cassar Parnis), li* ***mhux se jkun hemm penali wara li jkunu ghaddew 10 snin.*** *Fil-fatt, is-sezzjoni "Illustration of Savings Plan Benefit" turi valuri ta' cediment minghajr telf mill-primjum totali mhallas. Dan huwa l-argument ewlieni tieghi, li m'ghandu jkun hemm l-ebda penali ta' cediment meta nikkunsidraw dak li qaluli verbalment, il-prestazzjoni tal-polza, u l-fatt li ilni ninvesti flus ma' HSBC ghal 12-il sena issa minghajr beneficcju, imma anzi pjuttost b'telf'.*[3]

Jghid li fid-data tal-bejgh tal-polza is-suq kien digà qed juri tnaqqis u min bieghlu l-polza, li huwa espert fil-qasam tieghu, kien jaf li l-andament tas-suq ma kienx wiehed felici. L-ilmentatur kien dak iz-zmien jahdem f'laboratorju, kellu 22-23 sena u ma kienx intiz f'dan il-qasam. Ghalhekk l-espert tal-assikurazzjoni messu

---

[2] P. 12
[3] P. 100

qallu li s-suq kien digà ma jawgurax affarijiet sbieh, u wara 13-il sena m'ghandux ikun hu li jbati l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tar-rapprezentant tal-assikurazzjoni.

Jghid li l-ghazliet li offrielu l-provditur tas-servizz m'humiex accettabbli ghalih u jispjega ghalfejn.[4]

Bhala rimedju qed jitlob lill-Arbitru jordna lill-provditur tas-servizz li jhalli lill-ilmentatur icedi l-polza minghajr ma jehel il-penali li jrid jimponilu.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid**:

Illi t-talbiet tal-ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante:-

1. Illi MB, li kien jahdem bhala *Analyst*, kien iddecieda li jniedi *Savings Plan* fl-14 ta' Gunju 2008 ghal perjodu ta' 25 sena.

2. Illi MB kien provdut b'kopja ta' diversi dokumenti, inkluz, il-kopja tal-*Policy Terms and Conditions*. Il-*Policy Terms and Conditions* jirregolaw ir-relazzjoni bejn l-*HSBC Life Assurance* u l-klijent u jaghti deskrizzjoni shiha u cara tal-prodott. (Kopja tal-*Policy Terms and Conditions* qed tigi annessa u mmarkata Dok A.)

3. Illi f'Artikolu 12 tal-*Policy Terms and Conditions* huwa spjegat ukoll illi

   *'On surrender of the Policy we will pay the value of the policy account less deductions made in accordance with the Policy'.*

4. Illi Artikolu 18 tal-*Policy Terms and Conditions* tghid ukoll illi:

   *'In all other cases the Policy has a surrender value which shall be the value of the Policy Account less a surrender penalty, where applicable. Surrender penalties are subject to review and the current surrender value of Your Policy is available on request.'*

   Dan juri bic-car li kien hemm spejjez jekk il-*policy holder* kien ser iwaqqaf il-polza tieghu qabel id-data tal-maturità tal-polza.

---

[4] P. 101

Ghalhekk huwa car li skont il-*Policy Terms and Conditions* (li kopja taghhom gja annessa u mmarkata Dok A), hemm miktub car li jekk ikun hemm *surrender*, hemm *surrender penalty* li hija applikabbli.

5. Illi sa mill-bidu nett, skont anke dokument iehor kifipprezentat minn MB stess, '*Notes to your Savings Plan Illustration'*, (li qed jigi anness u mmarkat Dok B) hemm miktub car li:

   '*The accumulations in the Policy Account are not guaranteed and are based on assumptions that bonus rates remain unchanged'*.

   Fl-istess dokument, fit-tielet paragrafu hemm ukoll spjegat

   '*In all other cases, the Policy has a surrender value as shown in the illustrations which is the value of the Policy Account reduced by a surrender factor as set by the Company's Actuary. The surrender factor is dependent on the situation of the Policy and the year in which it is surrendered.'*

6. Illi skont id-dokument '*Illustration of Savings Plan Benefit* (Dok C), li l-klijent iffirma nhar l-14 ta' Gunju 2008, hemm indikat b'mod car u definit ezempju ta' kif jinhadem is-*surrender value.*

Fil-fatt, fil-kolonna '*Surrender Values using an Annual Bonus of 3%/4%/5%*', jidher car li f'certi snin l-ammont li tista' tiehu *versus* l-ammont ta' *premium* li tkun hallast ikun inqas. Dan apparti l-fatt kif hu spjegat car li din kienet biss '*illustration'*. Ir-rati ta' *Annual Bonus* ta' 3%/4%/5% kienu wkoll biss ezempju u bl-ebda mod garantiti. Huwa wkoll car li l-*illustration* hija valida biss ghal 30 jum minn meta inharget.

Apparti hekk, l-ammonti taht il-kolonna '*Surrender Values'* huma wkoll vizibilment inqas minn dawk murija fil-kolonna '*Maturity Benefits using an Annual Bonus of* 3%/4%/5%', u dan ikompli jsahhah il-fatt li jekk prodott jigi maghluq qabel iz-zmien kien ser ikun hemm tnaqqis/telf milli kieku l-prodott thalla sal-maturità.

7. Il-valuri indikati taht il-kolonni b'rati ta' 3%/4%/5%, jibqghu *illustration* u l-*annual bonus rates* dikjarati ta' dan il-prodott huma dawk indikati izjed

'l isfel f'din ir-risposta numru 11. Dawn ir-rati kienu jigu ikkomunikati lil kull *policy holder*, inkluz, MB, kull sena.

8. Illi MBkien infurmat ukoll permezz ta' dokument '*Notes for your Policy Account – Regular Premium Plans'* li *surrender value* tal-polza igorr mieghu '*charges/deductions applicable on the surrender of your policy*.' (Dok D).

9. Illi l-prodott joffri ukoll minimu innifsu *Automatic Life Assurance* fis-sens li jekk ikun hemm mewt sal-età ta' 60 sena, *HSBC Life* thallas *'the greater of the Policy Account or the Automatic sum Assured is paid'. The Automatic Sum Assured* hija ukoll beneficcju tal-prodott li, kieku kien hemm il-bzonn, MB kien igawdi minnha.

10. Illi huwa fatt maghruf illi fl-ahhar snin ir-rati tal-interessi kienu dejjem qed jinzlu u, ghalhekk, *Reversionary Bonuses* iddikjarati fl-ahhar snin rigward dan il-prodott, kienu ukoll baxxi - riflessjoni cara tal-andament tas-swieq f'dawk il-perjodi.

| Year | Bonus Rate | Year | Bonus Rate |
|---|---|---|---|
| 2009 | 3.4% | 2015 | 1.5% |
| 2010 | 2.5% | 2016 | 3.25% |
| 2011 | 2% | 2017 | 1.75% |
| 2012 | 3% | 2018 | 1.25% |
| 2013 | 2% | 2019 | 1.25% |
| 2014 | 1% | 2020 | 1% |

11. Kif spjegat fil-*Policy Terms and Conditions,* il-*premium* li kien jithallas kien allokat '*to a with profits fund'* li kien jinvesti f'firxa wiesgha ta' investimenti, cioè, *'This fund invests in a wide range of financial instruments such as local and international equities, property, Malta Government stock, other local and international bonds, cash and other instruments'* u, allura, bhal kull tali tip ta' prodott, il-qligh huwa naturalment affettwat mill-andament tas-swieq.

12. Illi dawn it-tip ta’ prodotti huma intenzjonati ghal perjodi twal u, fil-fatt, il-polza kienet miftuha ghal perjodu ta’ 25 sena u, allura, ghadha biss f’nofs it-triq tal-potenzjal taghha.

13. Illi jekk MB ma jixtieqx ihallas is-*surrender charges,* il-prodott joffri ozzjonijiet ohra kif indikat f’Artikolu 17 tal-*Policy Terms and Conditions* li jghid:

    ‘*A premium holiday can be taken for a maximum of five (5) years’.*

    Dan ifisser li MB jista’ jieqaf ihallas il-polza ghal tali perjodu ta’ hames snin. Hemm ukoll ozzjoni ohra, ezempju, l-*Paid-Up Policy Option* li jfisser li wiehed ma jkomplix ihallas il-*premium*, il-*bonuses* ikomplu jakkumulaw dment li l-polza tithalla sal-maturità u, f’dan il-kaz, ma jithallsux penali (irreferi ghal Artikolu 17 shih tal-*Policy Terms and Conditions*).

14. Illi *HSBC Life Assurance (Malta) Ltd* u l-ebda entità ma tista’ qatt tiggarantixxi l-andament tas-swieq, u prodotti li huma relatati mas-swieq huma suggetti ghal *market risk, issuer risk* u hafna elementi varjabbli barra mill-kontroll tal-*HSBC Life.*

Ghar-ragunijiet kollha sopracitati, b’riserva ghal kull rimedju u/jew azzjoni ohra spettanti skont il-ligi, il-bank esponenti bir-rispett jitlob illi l-ilment jigi respint.

Salv sottomissjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz, u b’riserva li jressaq xhieda, dokumenti u provi ulterjuri.

**Sema’ lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b’referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[5]

[5] KAP. 555, Art. 19(3)(b)

L-ilmentatur jispjega li l-ilment tieghu huwa bazikament li m'ghandux ihallas is-*surrender fee* ta' €914.47 peress li jixtieq jittermina l-polza ghax, fil-fehma tieghu, mhix thallilu qligh.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz isostni li din il-*fee* hija wahda normali u hi l-prattika kostanti li l-provditur tas-servizz jista' jitlob li tithallas din ic-*charge* jekk il-*policyholder* jittermina l-polza qabel id-data tal-maturità taghha.

Ghalhekk il-kwistjoni kollha hi dwar is-*surrender charge* jew *fee* li l-ilmentatur ihoss li m'ghandux ihallas.

*Surrender Charge jew Fee*

L-Arbitru ra sew x'inhi din is-*surrender charge* jew *fee* u sab diversi definizzjonijiet taghha, però, l-aktar wahda li tigbor fil-qosor il-kuncett hija din:

*'A surrender charge is* ***a fee levied on a life insurance policyholder upon cancellation of their life insurance policy****. A surrender charge is also known as a "surrender fee".'*[6]

Barra minn hekk, jigi spjegat illi:

*'Both life insurance policies and annuity contracts often impose a fee known as a "surrender charge." A surrender charge is a fee that you have to pay when you cancel your life insurance or annuity, which is known in the business as surrendering your policy'.*[7]

Hija wkoll il-prassi li mis-somma li tiehu, li hija *cash surrender value (CSV),* jitnaqssu dawn ic-*charges*:

*'If you decide to surrender your contract early, you will have the* ***Cash Surrender Value****. The CSV is the current Accumulation Value minus surrender charges taken out.'*[8]

Imbaghad, issib certi poloz li ghal hlas ta' xi *fee* addizzjonali joffru *waiver* lill-klijent li jkun jista' jehles mis-*surrender charge* f'certi kazi specifici li ma kienx qed jistenna u li jrendulu hajtu difficli:

[6] https://www.investopedia.com/terms/s/surrendercharge.asp
[7] https://www.fool.com/knowledge-center/what-is-a-surrender-charge.aspx
[8] https://www.annuityexpertadvice.com/annuity-101/surrender-charges/

*'Surrender charges will be waived if the annuity owner needs to take a portion of the cash value for nursing home expenses, terminal illness, medical costs or other such qualifying life events.'*[9]

**Id-Dokument *Illustration of Savings Plan Benefit***

L-ilmentatur qed jibbaza l-kaz tieghu essenzjalment fuq dan id-dokument.

L-Arbitru gharbel sew dak li xehdu l-partijiet u ra dan id-dokument.

Dan id-dokumnet juri car li huwa illustrazzjoni ta' kif tahdem il-polza u specjalment kif jista' jkun il-valur tal-polza matul id-diversi snin jekk ix-xenarji tal-qligh ikunu bit-3%, bl-4% jew bil-5%. Hemm ukoll indikazzjoni kemm jista' jkun il-valur tal-polza jekk wiehed icediha f'xi zmien qabel id-data tal-maturità, jigifieri, qabel il-25 sena. Li hija relevanti ghal dan il-kaz hija l-ghaxar sena fejn hemm indikat li jekk wiehed icedi l-polza jista' jiehu jew €19,586, jew €20,711 jew €21,907, jiddependi jekk ir-rata tkunx bit-3%, bl-4% jew 5% rispettivament. Hemm ukoll kemm wiehed ikun hallas fit-tieni kolonna.

Din l-illustrazzjoni hija kwalifikata bil-kliem:

*'This illustration is valid for 30 days from date of issue and replaces any previous ones for the same product.'*

Fuq l-istess dokument hemm miktub bi kliem li jinftihem illi:

*'It is important that you read the relevant product brochure in conjunction with the Key Features Document and Policy Terms and Conditions that will be issued with your policy schedule'.*

Meta Josef Camilleri, xhud tal-provditur tas-servizz, xehed quddiem l-Arbitru spjega li *surrender penalty* hi l-penali li tista' tigi imposta jekk il-polza titwaqqaf qabel iz-zmien:

*'Din tiddependi f'liema perjodu wiehed jiddeciedi li jwaqqafha.'*

B'referenza ghall-kaz in kwistjoni, xehed li:

---

[9] https://www.annuity.org/annuities/riders/crisis-waivers/

*'MB ghandu polza bin-numru 80614114200433. MB beda l-polza fl-14 ta' Gunju 2008, u hija ghal terminu ta' 25 sena, jigifieri, taghlaq fl-2033. Fadlilha, bejn wiehed u iehor, ftit inqas minn tnax-il sena biex timmatura. Tithallas fuq bazi annwali u l-premium, il-kontribuzzjoni, bhalissa hu ta' €617.47 kull sena. Il-premium inbidel matul is-snin. Bdiet fl-2008 b'€1,800; kienet zdiedet ghal €2,000 fl-2009 u, mbaghad, tnaqqset ghall-kontribuzzjoni prezenti fl-2014. Il-valur kemm MB pogga s'issa hu ta' €16,069.88. Il-valur taghha llum hu ta' €18,352.07, jigifieri, hemm profitt fuqha ta' €2,282.19.*

*Kieku wiehed kellu jwaqqaf il-polza llum, is-surrender fee hu ta' €917.60'.*[10]

L-ilmentatur jaqbel li l-ammont indikat lilu jekk icedi l-polza llum ikun dak ta' €18,352.07, izda jsostni li minn dan l-ammont m'ghandux jitnaqqaslu l-ammont tas-*surrender fee*.

Huwa jsostni li ibbaza x-xiri tal-polza fuq l-*Illustration of Savings Plan Benefit* u jinsisti li ma qalulux li hemm din is-*surrender fee.*

Però, fid-dokument stess hemm kwalifika importanti li tghid li din l-illustrazzjoni hija valida ghal 30 jum mid-data tal-hrug taghha. Din il-kwalifika qieghda ezattament taht il-kolonni li juru l-figuri ta' meta wiehed icedi l-polza qabel iz-zmien. Ghalhekk, l-ilmentatur li ra l-figuri, kellu kull opportunità li jara li dik l-illustrazzjoni hija biss ezempju ta' kif jinhadmu r-rati u mhux garanzija li dawk ser jinghataw ghaliex hemm kwalifika cara li kollox jista' jinbidel wara **30 gurnata mid-data tal-hrug taghha.**

Ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jaccetta t-tezi tal-ilmentatur li xtara l-polza fuq dawk il-figuri ghaliex galadarba hemm car u tond li dik l-illustrazzjoni tista' tinbidel wara 30 jum u l-polza kienet ghal 25 sena, l-ilmentatur ma jistax jibqa' jibbaza l-figuri fuq din l-illustrazzjoni.

Hawn l-Arbitru jaghmel distinzjoni bejn dan il-kaz u kazi ohra li kellu fejn il-klijenti jinghataw *quote* li ma jkollha l-ebda kwalifika u li verament tkun il-bazi tal-bejgh tal-polza. U, f'dawn il-kazi, il-polza tkun waslet sad-data tal-maturità u mhux titwaqqaf qabel bhal dan il-kaz.

---

[10] P. 137

Dan il-kaz hu differenti wkoll ghaliex hu l-ilmentatur li jrid iwaqqaf il-polza u ma jhallihiex sad-data tal-maturità. Dik ghazla li ghandu dritt jaghmel l-ilmentatur, izda hija prassi accettata li jekk *policy holder* jiddeciedi li jwaqqaf il-polza qabel iz-zmien, tista' tapplika s-*surrender penalty jew charge.* Dan gie spjegat b'mod car fil-parti intitolata *'Surrender charge jew fee'* aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

Li kieku l-polza lahqet immaturat u l-aspettattivi legittimi tal-ilmentatur ma kinux intlahqu, l-Arbitru kien ikun jista' jaghti rimedju li jiddependi dejjem mic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Kif inghad aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-impozizzjoni ta' *surrender charge jew fee* hija xi haga stabbilita fil-qasam tal-assigurazzjoni u mhux xi haga li qed japplika l-provditur tas-servizz f'dan il-kaz biss.

F'Artikolu 12 tal-*Policy Terms and Conditions*[11] hemm spjegat li:

'*On surrender of the policy We will pay you the value of the Policy Account less deductions made in accordance with this Policy'.*

Imbaghad, f'Artiklu 18 tal-Polza[12] hemm spjegat b'mod car li jekk il-polza tigi rtirata fi zmien sentejn, il-polza ma jkollha l-ebda valur, izda wara sentejn:

*'… the Policy has a surrender value which shall be the value of the Policy Account* ***less a surrender penalty,***[13] *where applicable. Surrender penalties are subject to review and the current surrender value of Your policy is available on request.'*

Izda jekk l-ilmentatur irid jiffranka s-*surrender charge*, ghandu zewg ghazliet ohra:

F'Artikolu 17 tal-*Policy Terms and Conditions* hemm imnizzel:

'*A premium holiday can be taken for a maximum of five (5) years',*[14] li jfisser li l-ilmentatur jista' jieqaf ihallas il-polza ghal perjodu ta' hames snin.

Hemm ukoll ghazla ohra fl-Artikolu 17 tal-*Policy Terms and Conditions* li hija l-*Paid-Up Policy*, jigifieri, li wiehed ma jkomplix ihallas il-*premium*; il-*bonuses*

[11] Doc A – P. 121
[12] P. 124
[13] Enfasi tal-Arbitru
[14] P. 123

ikomplu jakkumulaw sakemm il-polza tithalla sal-maturità u hawn ma jithallsux penali.

Dawn iz-zewg ghazliet huma soggetti ghal certi obbligi li huma spjegati fl-istess *Terms and Conditions.* Dan huwa spjegat car fir-risposta tal-provditur tas-servizz.[15]

Però, l-ilmentatur, ghar-ragunijiet tieghu, ma jixtieqx jiehu dawn l-ghazliet ohra izda jrid li jittermina l-polza u jiehu s-*surrender value* taghha li llum huwa dak ta' €18,289.48.[16]

Din hi l-ghazla tal-ilmentatur li l-Arbitru jirrispetta.

Però, ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru ma jhossx li hu gust, ekwu u ragonevoli li jordna li ma tithallasx is-*surrender charge/fee* galadarba din kienet spjegata sew fit-*Terms and Conditions* tal-polza u li din hija prassi kullimkien meta l-investitur ma jhallix il-polza sad-data tal-maturità taghha. Li kieku l-investituri kollha jew numru kbir minnhom jiddeciedu li jigbdu l-polza qabel iz-zmien minghajr ebda deterrent, tista' tinholoq konfuzjoni u krizi f'dan is-suq li hadd ma jixtieq li jigri.

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru ma jistax jilqa' dan l-ilment.**

**Minhabba n-novità tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' din il-procedura.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[15] P. 113
[16] P. 98 Din ic-cifra hi wkoll konfermata mill-provditur tas-servizz.